MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Talba Numru. 1370/2010

**GO p.l.c. – C22334**

**vs**

**Jean Vincent Agius ID-834245(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici, li precedentement kienet topera taht l-isem ta' Maltacom p.l.c., is-somma ta' elf, disa' mija sitta u tletin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€1,936.77c) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru *21422300 u 21435023* (AC40016678 – AT 2022/86).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjoni li nghata mir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament illi l-ammont kollu ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf disa' mija sitta u tletin Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€1,936.77c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------